REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 151/2011

tat-18 ta' Frar 2011

li jemenda l-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' tjur imrobbija fl-irziezet

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jippreskrivi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum uman [1], u partikolarment l-Artikolu 17(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 jippreskrivi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum uman.

(2) Il-Kapitolu VII tat-Taqsima IV tal-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 854/2004 jistabbilixxi r-rekwiżiti speċifiċi għall-kontrolli uffiċjali fuq tjur imrobbija fl-irziezet u fuq laħam tat-tjur imrobbija fl-irziezet. Wieħed minn dawk ir-rekwiżiti huwa li t-tjur imrobbija fl-irziezet jew il-laħam tat-tjur imrobbija fl-irziezet li jiġi spezzjonat ikun akkumpanjat minn ċertifikat li jikkonforma ma' wieħed mill-kampjuni inklużi fil-Kapitolu X ta' dik it-Taqsima.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali [2] jistipula li l-operaturi tan-negozji tal-ikel jistgħu joqtlu għasafar li ma jtirux imrobbija fl-irziezet u ċerti mammali tad-dwiefer mgħawġa mrobbija fl-irziezet fil-post tal oriġini bl-awtorizzazzjoni tal-awtorità kompetenti, suġġetti għal ċerti kundizzjonijiet. B'mod partikolari, dawk il-kundizzjonijiet jinkludi li l-annimali li jinqatlu għandhom ikunu akkumpanjati fil-biċċerija minn dikjarazzjoni mill-operatur tan-negozju tal-ikel li jkun rabba l-annimali u minn ċertifikat maħruġ u ffirmat mill-veterinarju uffiċjali jew approvat. Iċ-ċertifikat li jinħareġ u jiġi ffirmat mill-veterinarju uffiċjali jew approvat huwa biex jafferma, *inter alia*, li l-qtil u l-iżvinar tal-annimal ikun sar b'mod xieraq u l-ħin u d-data tal-qtil.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004, kif emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 150/2011 [3] jippermetti li f'ċerti każijiet, l-affermazzjoni tal-qtil u l-iżvinar xieraq tal-annimal u l-ħin u data tal-qtil jiġu inklużi fid-dikjarazzjoni mill-operatur tan-negozju tal-ikel.

(5) F'tali każijiet, huwa xieraq li jiġi stipulat li l-veterinarju uffiċjali jew approvat iwettaq kontrolli regolari fuq il-prestazzjoni tal-persuni li joqtlu u jiżvinaw l-annimali. Il-Kapitolu VII tat-Taqsima IV tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 854/2004 għandu għalhekk jiġi emendat kif xieraq.

(6) Barra minn hekk, kampjun ta' ċertifikat tas-saħħa għall-annimali li jinqatlu fl-azjenda huwa inkluż fil-Parti B tal-Kapitolu X tat-Taqsima IV tal-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 854/2004. Dak il-kampjun ta' ċertifikat tas-saħħa jinkludi wkoll annotazzjonijiet li jiċċertifikaw li l-qtil u l-iżvinar ikun sar b'mod xieraq. Għal każijiet, fejn issir tali ċertifikazzjoni fid-dikjarazzjoni mill-operatur tan-negozju tal-ikel għandu jiġi provdut kampjun ġdid ta' ċertifikat tas-saħħa.

(7) Ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 għandu għalhekk jiġi emendat kif xieraq.

(8) Il-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 854/2004 huwa emendat skont l-Anness ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

[1] OJ L 139, 30.4.2004, p. 206.
[2] OJ L 139, 30.4.2004, p. 55.
[3] Ara paġna 14 ta' dan Il-Ġurnal Uffiċjali.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Frar 2011.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNESS

It-Taqsima IV tal-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 854/2004 hija emendata kif ġej:

(1) Il-Parti A tal-Kapitolu VII hija emendata kif ġej:

(a) il-punt 4 jeħodlu post dan li ġej:

"4. Ċertifikat li jikkonforma mal-kampjun fil-Kapitolu X, Parti A, għandu jakkumpanja l-annimali ħajjin li jiġu spezzjonati fl-azjenda. Ċertifikat li jikkonforma mal-kampjun fil-Kapitolu X, Parti B, għandu jakkumpanja l-annimali li jiġu spezzjonati u maqtulin fl-azjenda. Ċertifikat li jikkonforma mal-kampjun fil-Kapitolu X, Parti C, għandu jakkumpanja l-annimali spezzjonati u maqtulin fl-azjenda, skont il-punt 3a tat-Taqsima III tal-Anness III mar-Regolament (KE) Nru 853/2004."

(b) jiżdied il-punt 5 li ġej:

"5. Meta l-awtorità kompetenti tawtorizza li l-operatur tan-negozju tal-ikel jista' jafferma l-qtil u l-iżvinar xieraq tal-annimali, il-veterinarju uffiċjali jew approvat għandu jwettaq kontrolli regolari fuq il-prestazzjoni tal-persuna li twettaq il-qtil u l-iżvinar."

(2) Fil-Kapitolu X, tiżdied il-Parti C li ġejja:

"C. KAMPJUN TA' ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA GĦAL TJUR IMROBBIJA FL-IRZIEZET LI JINQATLU FL-AZJENDA skont il-punt 3a tat-Taqsima III tal-Anness III mar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA

għal tjur mrobbija fl-irziezet li jinqatlu fl-azjenda skont il-punt 3a tat-Taqsima III tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004

Servizz kompetenti: .....

Nru: .....

1. Identifikazzjoni tal-annimali

Speċi: .....

Għadd ta' annimali: .....

Marka ta' identifikazzjoni: .....

2. Oriġini tal-annimali

Indirizz tal-azjenda tal-oriġini: .....

Identifikazzjoni tad-dar (*): .....

3. Destinazzjoni tal-annimali

L-annimali se jiġu trasportati lejn il-biċċeriji li ġejjin: .....

.....

permezz ta' dan il-mezz ta' trasport: .....

4. Informazzjoni oħra rilevanti

.....

5. Dikjarazzjoni

Jien, li ffirmajt hawn taħt, niddikjara li:

— l-annimali deskritti fuq ġew eżaminati qabel inqatlu fl-azjenda li ssemiet fuq fi ..... (ħin) fi ..... (data) u nstab li kienu b'saħħithom,

— ir-rekords u d-dokumentazzjoni relatati ma' dawn l-annimali ssodisfaw ir-rekwiżiti legali u ma pprojbixxewx il-qtil tal-annimali.

Magħmul fi: ..... ,
(Post)

fi: .....
(Data)

Timbru

.....
(Firma tal-veterinarju uffiċjali jew approvat)

(*) mhux obbligatorja"